**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 9 ta’ Novembru 2017**

**Rikors Numru 8/2017**

**Paul Sciberras**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f’Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Paul Sciberras** fis-6 ta’ Jannar 2017 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

*“Illi l-esponenti kien inhariglu permess ta’ xufier skont ir-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 Vol 1994, kif emendat).*

*Illi l-esponenti huwa wkoll sid il-garaxx li joffri servizz ta’ garr ta’ passiggieri permezz ta’ diversi vetturi.*

*Illi huwa kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali nhar id-29 ta’ Settembru 2015 u kien instab hati tar-reati kif dedotti u gie kkundannat multa ta’ elf u sitt mitt ewro (€1600) flimkien ma’ sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ sitt (6) xhur.*

*Illi konsegwenza t'hekk, huwa ma setax ikompli jiggestixxi x-xoghol ta' xufier.*

*Illi konsegwentement huwa ntavola rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati Malta fejn talab illi l-perjodu ta' sospensjoni tal-licenzja impost jigi ridott ghal perjodu iqsar, liema talba giet akkolta u hekk ridotta ghal tliet (3) xhur.*

*Illi l-esponenti halls, sew il-multa inflitta u skonta anke l-perjodu ta' sospensjoni kif redott.*

*Illi nonostante dan, l-Awtorita' intimata qieghda tonqos milli ggedded il-licenzja sabiex huwa jkun jista' jkompli bil-gestjoni tal-attivita' ekonomika tieghu, hekk kif juri Dok A huwa anness.*

*Illi huwa appella minn din id-decizjoni tal-Awtorita' intimata quddiem il-Bord tal-Appell (Dok B) fi hdan l-istess Awtorita', li permezz ta' decizjoni tal-ewwel (1) ta' Dicembru elfejn u sittax (2016), kif jirrizulta mid-dokument immarkat DOK C, liema decizjoni waslet f'idejn l-esponenti nhar is-sebgha (7) ta' Dicembru elfejn u sittax (2016) u dan kif jigi ampjament ippruvat, regghet ikkonfermat id-decizjoni taghha tat-tletin (30) ta' Novembru elfejn u sittax (2016).*

*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'illi:*

*a. Illi dan l-agir tal-Awtorita' intimata jikkostitwixxi ksur tal-principju kardinali ne bis in idem.*

*Illi galadarba l-esponenti gie soggett ghal process gudizzjarju u giet imposta fuqu piena u multa, ma jista' qatt ikun il-kaz illi l-istess esponenti jerga' jigi gudikat u imposta fuqu penali ohra fuq dik gia imposta fuqu minn Tribunal gudizzjarju iehor.*

*Illi bid-dovut rispett, jekk l-Awtorita' intimata riedet illi l-esponenti jigi kkastigat skont il-procedimenti kif stipulat permezz ta' AL 128 tal-1994, tali talba kellha issir lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura, halli tkun dik il-Qorti li timponi tali kastig u mhux tigi l-Awtorita' intimata, wara li s-sentenza tkun pronuncjata, u kull penali mhallas u skontat, u fuq sentenza mposta timponi penalita' ohra li tmur oltre dak li l-esponenti gie soggett ghalih.*

*b. Illi dan l-agir imur ukoll kontra l-mod ta' kif normalment tagixxi l-Awtorita' intimata f'kazi ohra.*

*Illi l-Awtorita' intimata, meta si tratta istanzi fejn il-kaz jigi trattat quddiwm il-Qorti tal-Magistrati u tigi hemm inflitta l-piena, hija ma tkomplix tinsisti ghal proceduri civili u cioe*

*l-impozizzjoni tal-penali kontemplati mill-Avviz Legali 128 tal-1994, u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.*

*c. Illi wkoll dan huwa kaz umanitarju.*

*Illi jekk l-Awtorita' ser tkompli tippersisti bid-decizjoni taghha u tonqos milli ggedded il-licenzja sabiex l-esponenti jkun jista' jagixxi ta' xufier skont ir-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994), l-esponenti ser ikun qed jigi mcahhad minn dhul ghall-ghejxien tieghu u tal-familja tieghu.*

*Illi mehud kont tan-natura tal-incident, dan kien wiehed ta' natura zghira konsistenti f'semplici incident awtomobilistiku u kull spiza giet imhallsa.*

*Illi huwa minnu li l-esponenti rrizulta li seta' kien taht l-effett tax-xorb, pero' hu ma kienx xoghol fil-hin tal-incident u ghalhekk ma kienx ta' periklu ghall-klijenti tieghu, u di piu' l-esponenti ma kienx ghadu hiereg minn xi hanut tax-xorb jew xi okkazjoni li tinvolvi xorb alkoholiku.*

*Li gara kien illi dakinhar kien fil-perjodu festiv tal-Milied u kien organizza festin zghir fid-dar proprjeta' tieghu. Illi wara l-festin huwa mar jistrieh u qam regolarment u hareg bil-vettura tieghu u kien hemm li sehh l-incident gia indikat.*

*Illi kienet x'kienet ir-raguni, l-esponenti hallas ghal ghemilu, sew tal-hsara, il-multa pekunarja nflitta u skonta wkoll il-perjodu ta' sospensjoni tal-licenzja.*

*Illi kif jistipula l-Att li jwaqqaf dan it-Tribunal, il-principji li ghandu jimxi fuqhom, huma dawk ta' ekwita'.*

*Illi kif dan l-Onorabbli Tribunal iddecieda fil-kaz ta' George Mifsud vs Awtorita' ghat-Trasport Malti tal-21 ta' Novembru 2016, ghalkemm legalment jirrizulta illi kien hemm ksur tar-regolament vigenti, fuq bazi umanitarja, iddecieda favur ir-rikorrenti George Mifsud.*

*Illi fil-kaz in ezami ghandu japplika l-istess principju.*

*Illi mehud kont il-fatt illi l-esponenti dejjem mexa mal-ligi u dan kif jirrizultas minn Dok D, li l-esponenti rregola ruhu skont il-piena inflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati u tenut kont illi din hija l-unika frazzjoni tal-ligi, f'kemm ilu f'dan in-negozju, da parti tieghu ma ghandux ikun il-kaz illi l-Awtorita' intimata timxi b'id tal-hadid u tibqa' tippersisti fl-imposizzjoni ta' piena oltre minn dik gia imposta fuqu u f'cirkostanzi fejn hija, fl-azzjoni*

*taghha migjuba permezz tal-Pulizija Esekuttiva, naqset milli tirnexxi fl-istess kwerela taghha.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li jgib 'il fuq espost a formali konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal, filwaqt li jaghmel referenza ghal provi prodotti u jirrizerva li jipproduci dawk il-provi l-ohra skont il-ligi, jitlob bir-rispett joghgbu jhassar u jikkancella d-decizjoni tal-Awtorita' intimata tal-ewwel (1) ta' Dicembru elfejn u sittax (2016) li tikkonferma decizjoni ohra tal-istess Awtorita' tat-tletin (30) ta' Novembru elfejn u sittax (2016) u jordna lill-Awtorita' intimata sabiex iggedded u tohrog a favur ir-rikorrenti l-permess ta' xufier skont ir-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994 (kif emendat)."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** datata 26 ta' Jannar 2017 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"1. Illi l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji hekk kif ser jigi muri fil-kors ta' dawn il-proceduri;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, id-decizjoni tal-Awtorita' intimata hija ragjonevoli, gusta u legali u, konsegwentement, ghandha tigi konfermata in toto u l-proceduri mressqa mir-rikorrent ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, kif afferma r-rikorrent stess fl-att promotur, huwa recentement applika mal-Awtorita' intimata ghat-tag tieghu bhala xufier ai termini tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur. Tali process jesigi li l-Awtorita' intimata tosserva r-regolamenti li jinsabu fis-sheh meta ssir tali applikazzjoni, ossia osservanza u adempiment tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 u dan a bazi tal-principju ta' tempus regit actum. Illi fid-data tal-applikazzjoni tar-rikorrent, ir-regolament 130A(4)(b) kien jippreskrivi hekk: "Persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk ... (a) tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezimu (€465.87), (b) tkun instabet hatja, matul l-ahhar sentejn, ta' reati li jkollhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali." L-operat tal-Awtorita' intimata f'dan il-kaz kien li ssegwi din il-ligi. Ghalhekk, id-decizjoni taghha kienet, u ghadha, wahda gusta u lecita;*

*4. Illi b'estensjoni ghall-eccezzjoni precedenti, jigi sottolinejat illi hemm certi okkupazzjonijiet u professjonijiet li biex wiehed ikun jista' jipprattikahom irid ikollu kondotta tajba u li jekk dan ma jkunx il-kaz, jista' ma jithalliex jipprattikahom jew, jekk ikun*

*qed diga' jippratikahom, jista' fl-interess tas-socjeta' ma jithalliex ikompli jippratikahom billi jew titnehhielu l-warrant bhal fil-kaz ta' professjonisti bhal avukati, tobba, spizjara, eccetera, jew okkupazzjonijiet ohra bhal dik tar-rikorrent. Dan hu s-sens tar-regolament citat supra;*

*5. Ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha;*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrent u ta' Sylvana Bartolo;

Ra d-dokumenti esebiti;

Sema' t-trattazzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 1 ta' Dicembru 2016 li permezz taghha gie mgharraf illi kienet qieghda tirrifjuta li ggeddidlu l-permess tieghu bhala xufier ta' vettura bil-mutur ghall-kiri ai fini tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur (Legislazzjoni Sussidjarja 65.11) u dan stante li kien gie kkundannat permezz ta' sentenza datata 29 ta' Settembru 2015 ta' reat li jgorr mieghu piena ta' prigunerija ta' iktar minn tliet xhur jew multa ta' mill-inqas erba' mija, hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.97) u ta' reati li kellhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali.

Illi minn ezami tas-sentenza datata 29 ta' Settembru 2015 jirrizulta illi r-rikorrent kien gie akkuzat talli fis-27 ta' Dicembru 2014:-

1. *Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-imsemmija vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.*
2. *U aktar talli prova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt.*
3. *U wkoll talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata,*
4. *B'manjiera perikoluza,*
5. *B'manjiera bla kont;*
6. *U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura nru. EVG211 u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Emmanuel Pace;*

7. *U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emanuel Pace skond kif iccertifika Dr. Ivan Micallef M.D. mill-Mosta Health Centre, Adriana Mula skond kif iccertifika Dr. Ivan Micallef M.D. mill-Mosta Health Centre u Carmela Pace skond kif iccertifika Dr. Julian Grima M.D. mill-Mosta Health Centre.*

Illi ghalhekk skond l-Awtorita` intimata, ir-rikorrent ma baqghax jissodisfa r-rekwizit ta' "kondotta tajba" rikjesta minn Regolament 130A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 u kwindi ma gedditx il-permess ta' xufier (*tag*) lir-rikorrent.

Illi **r-rikorrent** xehed illi huwa ghandu garaxx bil-karozzi tal-kiri, inkluz xoghol ta' *taxi*. Jispjega illi fl-2014 huwa kellu incident stradali pero` mhux in konnessjoni max-xoghol tieghu. Jghid li sussegwentement sarlu l-*breathylser test* u instab li kellu livell ta' alkohol izjed mil-limitu permissibbli mil-ligi. Jispjega li sussegwentement gie mressaq il-Qorti fejn gie kkundannat ihallas multa ta' elf u sitt mitt ewro (€1600) u sospensjoni tal-licenzja ghal tliet (3) xhur. Jghid li pero` meta mar biex igedded it-*tag* l-Awtorita` irrifjutat li ggeddidlu t-*tag* in vista tas-sentenza su citata.

**Sylvana Bartolo**, *deputy chief officer* fi hdan l-Awtorita` intimata, xehdet illi r-rikorrent ma ggeddidtlux it-*tag* tax-*chauffeur driven cars* in vista tas-sentenza tad-29 ta' Settembru 2015.

**Ikkunsidra:**

Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa dak illi l-agir tal-Awtorita` jikkostitwixxi ksur tal-principju *ne bis in idem*. Illi r-rikorrent isostni li ladarba gie kkundannat ghall-agir tieghu minn qorti ta' gurisdizzjoni kriminali ma jistghax jerga' jigi gudikat mill-Awtorita` intimata.

Illi bir-rispett kollu, dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' dan l-argument. Illi r-rikorrent ma giex gudikat darbtejn ghall-istess fatt. Pero` l-konsegwenzi tal-agir tieghu kellhom effetti duplici u cioe` li gie kkundannat mill-qorti ta' gudikatura kriminali u kif ukoll effetti fuq il-licenzja tieghu ai termini tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi Bil-Mutur. Illi l-konsegwenzi ravvizati fl-ahhar imsemmija legislazzjoni huma mizuri amministrattivi li huma mahsuba biex jirregolaw il-komportament tax-xufiera li lilhom jinghata l-permess li jsuqu certu tip ta' vetturi. Illi f'dan il-kaz l-Awtorita` intimata ma kellhiex xi diskrezzjoni, bhal ma gieli jkollha, li jew tipprocedi kriminalment jew inkella billi timmulta u timponi punti ta' penali fuq ix-xufier/operatur. Ghalhekk

lanqas it-Tribunal ma jaqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrent illi l-Awtorita` ma mxietx kif normalment tagixxi.

Illi ai termini tar-Regolament 130A (1) *"Ebda persuna m'ghandha ssuq vettura bil-mutur ghall-kiri jekk dik il-persuna ma jkollhiex tag ta' identifikazzjoni mahruga lilha mill-Awtorità."*

Ai termini tar-Regolament 130A (4) *"L-imsemmija tag tinhareg biss mill-Awtorità lil dak ix-xufier li –*

*(a) ikollu l-licenza tas-sewqan adatta,*

***(b) fil-fehma tal-Awtorità jkollu kondotta tajba,***

*(c) jattendi b'mod regolari kors ta' taghlim approvat mill-Awtorità u jghaddi mill-ezami fi tmiem l-imsemmi kors"*

Illi jirrizulta illi f'dan il-kaz l-Awtorita` intimata ma kkunsidratx illi r-rikorrent jissodisfa r-rekwizit (b) citat hawn fuq. Il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 innifisha telenka dawk l-istanzi meta persuna ghandha titqies li mhix ta' kondotta tajba. Dawn l-istanzi huma s-segwenti, u cioe`, meta persuna:-

*"(a) tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mijau hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87),*

*(b) tkun instabet hatja, matul l-ahhar sentejn, ta' reati li jkollhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali.*[1]

Illi r-reati li taghhom instab hati r-rikorrent jidhlu fil-parametri appena citati u kwindi l-Awtorita` intimata ma ghamlet l-ebda ezercizzju arbitrarju jew zbaljat meta ma geddidtx it-*tag* tar-rikorrent.

Illi ghalhekk, wara li dan it-Tribunal ikkunsidra l-fatti kollha tal-kaz, ma jistghax jallontana ruhu mid-decizjoni tal-Awtorita` intimata. Illi dan it-Tribunal, filwaqt li jifhem ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ma jistghax imur kontra d-dettami tal-ligi. Fil-gudizzju tieghu it-Tribunal irid ikun oggettiv, u fejn il-ligi tkun cara ma jistghax l-istess Tribunal jarroga fuqu xi tip ta' diskrezzjoni, anke jekk il-kaz ikun wiehed pjuttost pjetuz.

---

[1] Regolament 130A (4)

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti qieghed jichad it-talbiet tar-rikorrent filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**